# HOLQA MHUX KAJJIK

Lino Spiteri M.P.

Qed nitkellem bhala osservatur u mhux ghal kollox bhala politiku biex nipprova nwettaq il-politika tal-Gvern u nheggeg lil shabi li nwettquha. Wara dak illi smajt il-lejla u dak li qrajt fl-imghoddi, inheggeg izjed biex ikollna iktar zvilupp f'dan il-qasam, ghax huwa ezempju tajjeb. Dak li gara f'dak l-ewwel pass importanti tlett xhur u nofs ilu. Fil-Mid Med Bank kellek kontest demokratiku imma, fl-opinjoni tieghi, kontest ta' konflitt - dejjem issib konflitt. Meta kont skrivan mas-servizzi u kont fit-trejdjunjonismu, kellna konflitt. Meta kont nahdem mal-Union Press kellna l-kontradizzjoni interni anke hemmhekk fejn tkun membru tal-union u tahdem ghall-union.

Milli rajt fil-Mid-Med, sar pass illi jikkonferma li mhux bilfors il-kontest (ghall direttur mill-haddiema) ikun wiehed ta' konflitt. Ghandek l-ghazla imma dak li ghazilt, imbaghad tista tiehdu bla ma jghamillek id-deni. Bhal meta, tara diversi prodotti, ghazilt wiehed minnhom, minghajr ma maqdart il-prodotti l-ohra.

Tela xi hadd, ovvjament li tela xi hadd. Imma billi tela xi hadd, l-ohrajn li ma telghux ma gewx mormija l-bahar. Min tela kien idonju u shabu hekk hassew ghax tawh maggoranza assoluta Allura tindikalek illi (fil Mid-Med)

ma kienx hemm dik id-divizjoni illi qed nibza minnha jien.. Ghax kieku kien hemm id-divizjoni - jew politika jew trejdjunjonistika - ma kienx ikun hemm ir-rizultat li kien hemm. Dik l-esperjenza tindikalek illi jista' jkollok il-kontestazzjoni serja. Ghax hekk johroglok wiehed biss m'ghandekx ghazla. Tindikalek illi, iva jista' jkun hemm punt ta' partenza kif qed inpoggih jiena: illi ma jkunx wiehed illi jiddistruggi l-kuncett. Jitla min jitla minn liema naha u gruppi u jien naf qaghdiet li jkun hemm fl-intrapriza, jekk ma jkunx rizultat ta' kontest demokratiku imma ta' pozizzjonijiet rigidi u ta' divizjonijiet fuq linji illi jkunu ilhom stabbiliti minn zmien il-brodu, nghid li l-kuncett ma jkunx qieghed jahdem tajjeb.

Essenzjali wkoll illi wiehed jifhem x'jaghmel id-direttur haddiem, il-haddiem direttur, id-direttur fost il-haddiema. X'inhi l-funzjoni tieghu? Godfrey Baldacchino l-izjed illi iccelingja hawnhekk. Nahseb illi kkoncentra l-izjed jaghmel mistoqsijiet. Imma fuq din wasal ghal konkluzjoni. Qal illi fl-ahhar mill-ahhar id-direttur huwa parti minn dak il-grupp li jiddeciedi. Ghandek id-definizjoni ta' l-ILO ta' x'ghandu jaghmel direttur gej minn fejn gej, Imma mbaghad ghandek l-applikazzjoni: jekk kemm-il darba hux se jkun assorbit kompletament gol-*management*, gol-Bord tad-Diretturi, jekk kemm il-darba hux se jkun il-hin kollu konfrontazzjonali mad-diretturi l-ohra ghax jirraprezenta biss l-interessi tal-

haddiema u jiddefinixxi biss l-interessi tal-haddiema bhala xi haga illi bilfors trid tkun f'konfront ma' l-interessi illi jirraprezentaw id-diretturi l-ohra. Hemmhekk kellna l-ezempju tal-konkluzjoni li fl-ahhar mill-ahhar ma tistax, la wahda u lanqas l-ohra. Min ikun qieghed fuq Bord ta' diretturi jrid jghin biex tittiehed decizjoni. Ha npoggiha hekk, mhux jiddeciedi: imma irid bil-vot tieghu jghin biex tittiehed decizjoni. Dik kienet il-konkluzjoni ta' Godfrey.

Jien naqbel hafna maghha. Imma xorta wahda hija provokattiva li nistaqsu lilna nfusna x'inhu dan l-imbierek direttur li gej minn fost il-haddiema, x'inhu dan il-bniedem? Ghandu zewgt ucuh? Meta thares lejh min-naha ghandu wicc, u meta thares lejh minn naha l-ohra ghandu iehor, bhall-alla Janus? Ghandu zewgt ucuh? Jew inkella fl-ahhar mill-ahhar ghandu ras wahda, mela jekk stess ghandu zewgt ucuh, hija ras wahda u allura fl-ahhar mill-ahhar huwa angolu biss tal-wicc li qieghed tara differenti?

U ghal darb'ohra il-mistoqsija ghandha tibqa fuq il-mejda bla ma certament se nipprova nwegibha jien. M'iniex daqstant pruzuntuz illi naghti twegiba preciza, ghax twegiba preciza ma hemmx. Godfrey indika wahda mit-twegibiet possibbli, imma twegiba preciza ma hemmx, trid tahseb izjed. Jiena nahseb illi rridu noqghodu attenti, l-ewwelnett li nghidu x'ma hux id-

direttur li gej minn fost il-haddiema. Li zgur ma hux, m'huwiex sostitut, tat-*trade unions.* Ghax jekk kemm il-darba ha jkun fuq il-Bord tad-diretturi bhala sostitut tat-*trade unions,* jekk jien inkun trejdjunjonista, nibda nattakka l-kuncett. Mela jiena bhala trejdjunjonista rrid illi jkolli sostituzzjoni tar-*role* tieghi? Mill-banda l-ohra, l-anqas ghandu jkun rapprezentant tat-*trade union.* Ghax jekk ikun rapprezentant dirett tat-*trade unions* allura l-*Bord tad-diretturi* ser ikollu konflitt. Issa erhilu li s-sid inzerta l-istat f'dan il-qasam (tal-Mid-Med Bank ecc.). L-istat min hu? L-istat huwa l-poplu. Imma s-sid li qed jirraprezenta l-poplu se jkollu jghid: 'isma hej jiena hemm *trade unions* li ninnegozja maghhom, issa ha ninnegozja mad-direttur minn fost il-haddiema wkoll'? Ghax fl-ahhar mill-ahhar it-*trade unions* qeghdin hemm biex jinnegozjaw l-kundizzjonijiet f'sens wiesgha ta' pagi u tal-kundizzjonijiet tax-xoghol. Allura jkun hemm mhux kontradizzjoni imma konfuzjoni jekk ikun rapprezentant ta' *trade union* u mistenni jaghmel li tghidlu hi billi huwa parti minna. Hemm il-konfuzjoni fuq il-*Bord* u hemm il-konfuzjoni go dal-poplu in persuna. Ghax hu (bhala direttur) jirraprezenta l-haddiema kollha, mhux necessarjament il-haddiema kollha qeghdin fit-*trade union* illi qed tappoggjah. Allura fuq il-*Bord tad-diretturi* x'se jaghmel? Ha jirraprezenta l-interessi ta' dik it-*trade union* li forsi tirrapprezenta sittin, sebghin, tmenin disghin fil-mija - imma qatt mija fil-mija? Allura l-ghaxra l-ohra illi hu

wkoll jirraprezenthom saru bghula? Ma jirraprezentahomx il-dawk? Ma jarax l-interess taghhom?

Naghmel anologija politika. Meta kandidat jitla' membru tal-parlament, fis-sistema Maltija tibqa d-dikotomija 'l min qed jirraprezenta . Izda fis-sistemi fejn ghandek *a single member constituency,* itella wiehed biss. Awtomatikament dak qed jirraprezenta `l kulhadd. Jekk immur l-Ingilterra, mort ghand il-membru parlamentari. Konservattiv, laburist, liberali, hu x'inhu - qed jirraprezentak. Hu d-dmir tieghu. Jiena nara l-anologija hawnhekk ghad-direttur minn fost il-haddiema.

X'ma ghandux ikun nara cara hafna. X'ghandu jkun hija izjed difficli biex tistabbilixxi. Hawnhekk tidhol htiega li qasam gdid li nharsu lejh b'mod idealista, halli nibdew nfittxu li nizviluppawh. Jiena nghid illi d-direttur minn fost il-haddiema irid ikun il-holqa bejn il-haddiema kollha u s-sidien. Il-holqa. Allura la jaghmel li tghidlu naha u lanqas jaghmel li tghidlu l-ohra. Irid jaghmel li jghidulu l-haddiema bhala totalita skond kif espressa fil-maggoranza, inkella jnehhuh. Irid jara li hemm il-holqa.Ghalhekk ghandek il-holqa u mhux xi haga maqtugha. Ghalhekk ghandek xi haga li qed tghaqqad.

Irid jara wkoll waqt li qieghed hemm fuq l-interessi ta' l-azjenda illi qieghed go fiha. Ghax ghandek din, jekk kemm-il darba ma tarax l-interessi ta' l-azjenda ukoll ma' l-interessi tal-haddiema li qed tirraprezenta, allura sewwa sew x'inti tara? Dana f'kollox jidhol. Anke t-*trade unions* illum iridu jarawha hekk, ahseb u ara li t-*trade unions* illi jista jkun ma jkunux qed jirraprezentaw il-haddiema kollha t'azjenda. Jista jkollok saffi differenti ta' trejdjunjonismu fl-istess azjenda. Jista jkollok *union* wahda, hi biss ghandha *recognition*, imma kif ghidt, mhux kulhadd ikun hemm go fiha. Hi stess tista' tirraprezenta saffi differenti ta' mpjegati, ta' haddiema. Hu dak jirrapprezenta lil kulhadd li jrid jara l-interessi ta' kulhadd kif riflessi fl-interessi ta' l-azjenda. U kif riflessi fl-interessi ta' l-azjenda, mhux biex l-azjenda taghmel profitt. Minkejja li s-sid huwa l-poplu, allura l-profitt qed imur ghall-poplu, l-interessi jridu jkunu definiti hafna b'mod izjed wiesgha u izjed flessibbli minn sempliciment profitt, minn sempliciment flus. L-interessi f'azjenda pubblika li ga qed titlef, xorta qeghdin hemmhekk u xorta wiehed ihares lejhom, anke jekk taccetta illi ghar-ragunijiet socjali trid tibqa titlef. Bil-maqlub, f'azjenda kummercjali hemm interessi ta' profitt. Imma mhux dawk huma l-interessi ta' l-azjenda pubblika. Ghax jekk l-interessi ta' l-azjenda illi qeghda fid-dinja socjali jkunu biss il-profitt, allura hemm xi haga li tkun nieqsa; hemm dimensjonijiet illi ma nkunux qeghdin nharsu lejhom sewwa.

Ghalhekk jiena nghid li jrid ikun hemm holqa. Holqa proattiva. Holqa li ghad irridu niddefenuha sewwa imma li qatt ma tista tigi ddefinita sewwa. Trid tkun holqa dinamika, dejjem tevolvi u tizviluppa skond l-esperjenzi bejn iz-zewg nahat - in-naha li qed tmexxi u n-naha li qed titmexxa - halli tressaq ghal izjed kollaborazzjonijiet fejn ghandu jkun hemm kollaborazzjoni. Mhux qed nghid illi l-haddiem irid jaghmel dak li jghid il-bord tad-diretturi, jew il-bord dejjem jistenna li l-haddiem jaghmel dak li jghidlu. Imma fejn hemm htiega ta' izjed ftehim dwar x'inhuma l-interessi l-*worker director* ghandu jkun holqa. Apparti it-trejdjunjonismu u apparti *management* tajjeb u apparti diretturi li jistghu jkunu imnellhin, hu jrid ikun holqa illi hija mekkanizmu separat minn dawn il-mekkanizmi l-ohra.

Issa din il-holqa hawnhekk jidhol fiha mbaghad uhud mill-affarijiet li ssemmew. Inutli jkollok din il-kultura ta' direttur minn fost il-haddiema jekk ma nkabbrux fl-istess hin gharfien ta' x'inhu direttur. Inutli tghid mur suq ziemel, jekk ziemel ma tafx minn liema naha thares lejh. Mela hemm il-htiega ta' l-edukazzjoni, ta' x'inhuwa *management*, x'inhu direttur. Mhux biex il-haddiem isir direttur, le dak temporanjament, jekk il-haddiem jibqa' l-haddiem. U hawnhekk nifhem il-punt ta' Godfrey, meta enfasizza kemm kien importanti, u kemm kien revoluzzjonarju, li gie accettat fid-*drydocks* illi min iservi fuq il-*Bord* kif issa kompost, ghal dak iz-zmien li qed iservi

hemmhekk jerhi certi drittijiet tieghu. Ara x'kuragg - min-naha tal-bniedem li pproponiha, min-naha tal-union biex taccettaha, min-naha tal-haddiema illi jersqu b'dawk ir-restrizzjonijiet.

Mela ara kemm hemm oqsma fejn ghandna bzonn nitghallmu, imma fl-istess hin m'ghandniex ghalfejn naqtghu qalbna. Nistghu nitghallmu ghax ghandna ezempji tajbin. Izda rrid naghmel punt iehor. Direttur mill-haddiema waqt li jkun holqa, qatt m'ghandu jkun kajjik. Jekk kemm-il darba, id-direttur minn fost il-haddiema jispicca sempliciment jew inkella primarjament kajjik, jew inkella xi hadd jipprova juzah bhala kajjik, qieghed jinsulentah, inehhilu d-dinjita' tieghu. Qed jimmina, ghal darb' ohra l-kuncett illi qeghdin nippruvaw indahhlu.

Anke meta nsemmi, ghal darb'ohra, illi ghandna nifhmu izjed x'ikun mistenni mid-diretturi, rridu nifhmu wkoll illi hemm diretturi ezekuttivi, u hemm diretturi m'humiex ezekuttivi, m'ghandhomx funzjoni ezekuttiva. Imbaghad hemm dak il-punt interessantissimu, li semma Godfrey, illi l-*worker director* waqt li mhux direttur ezekuttiv, hu stess qieghed gol-haddiema. Smajna lil Tony, smajna lil Reno, fix-xoghol taghhom gol-haddiema. Jekk jinqata mill-haddiema dan, spicca. Ma baqax direttur minn fost il-haddiema, sar sempliciment direttur, seta kien minn barra. Allura l-

fatt li baqa gewwa, gol-haddiema, ghandek dik id-dimensjoni addizzjonali, dik id-dimensjoni straordinarja illi qatt ma jkun direttur ezekuttiv. Ghax bil-mudelli li semmejna tat-tarzna, mhux se jkollu certi karigi u mhux se jaspira ghal promozzjoni u allura ghandu certa restrizzjoni, limitazzjoni, jekk dak il-mudell jigi estiz band'ohra. Qed naghmel dik il-kwalifika. Direttur mhux ezekuttiv ma tistax tghidlu; ghax *a non- executive director* huwa wiehed li jmur fl-azjenda ghal *Board meetings*. Jekk ikun jinteressa ruhu, imur ukoll darba kultant. Imma ma jmurx kuljum. Waqt li d-direttur minn fost il-haddiema fin-natura tieghu stess, imur kuljum f'azjenda. Hemm punt illi ma ssemmiex mill-*panel*, illi rrid insemmieh jien. Illum ghandna l-*Companies Act*, il-gdida, *Companies Act* tajba. Ghamilha l-precedessur tieghi. Hija *Companies Act* tajba. Imma timponi pizijiet tqal hafna fuq id-diretturi, sew jekk jissejhu diretturi, sew jekk ikunu konsulenti. Issejhilhom x'issejhilhom, dawk li qed jaghmlu funzjoni li hija ta' diretturi, ahseb u ara jekk inhuma direttament diretturi gejjin minn fejn gejjin, mtellghin kif mtellghin, nominati kif nominati tinponi pizijiet tqal hafna. U npoggi mistoqsija. Tghiduli, 'inti l-legislatur; tina t-twegiba'. Le, inpoggi l-mistoqsija. Ghalhekk ghidtilkom nixtieq nitkellem bhala jien, partikolarment f'certi aspetti. Inpoggi l-mistoqsija: id-diretturi li gejjin minn fost il-haddiema, ghandhom jew m'ghandhomx, ikollhom dawk il-pizijiet illi hemm fil-*Companies Act* illi jorbtu lid-diretturi ohra. Ghandna nharsu ha naraw l-

implikazzjonijiet taghha. Ghadna f'fazi esperimentali, imma ma rridux nibqghu f'fazi esperimentali. Ma rridux noqghodu nistennew sakemm ikun tard wisq. Ghandna nibdew nahsbu minn issa halli naghmlu affarijiet illi noqghodu attenti halli f'din il-fazi esperimentali ma nibdewx hazin. Ma naghmlux precedenti hziena. Dak li jrid jigi mhares, irid jigi mhares minn issa.

Ghalhekk apparti din id-diskussjoni interessanti li jrid ikun hemm it-twegibiet ghal dak illi ntqal mill-kelliema l-ohra, wahda mill-affarijiet li ha naghmel immedjatament jiena, hija illi ha nahtar kumitat konsultattiv, biex jaghmel, jabbozza, Kodici ta' etika. L-abbozz finali imbaghad wiehed irid jerga jhares lejh u ibqghu zguri illi mhux se jkun qieghed hemmhekk sempliciment biex jabbozza mbaghad jigi njorat.

Hemm hafna kodici ta' etika, x'inhu tajjeb u x'inhu hazin. Imma fil-kaz tad-direttur minn fost il-haddiema, x'inhu tajjeb u x'inhu hazin ghandna nistabilixxuh. Naraw sewwa sew il-prattika illi ghandu jsegwi. Il-*code of practices* illi ghandhom jiggwidawh. Ejja nghidu illi ghandhom jiggwidawh ghax inkella norbtuh izzejjed u ngibuh sempliciment funzjonarju ta' dik il-kodici. U wahda mill-affarijiet li ha naghmel, u ha naghmilha mmedjatament hu li nahtar dan il-kumitat konsultattiv illi se jkollu bhala

membri fih (u niehu pjacir nhabbar li qablu li jservu) lil Albert Tabone, li tafu illi kien *civil servant* b'esperjenza vasta, Harold Walls illi huwa wkoll ex-trejdjunjonista b'esperjenza manigerjali, Dr. Godfrey Baldacchino, il-Professur Edward Zammit qabel illi jiccerja l-kumitat konsultattiv. Issa mbaghad nitkellmu kif se jahdem, kemm idum biex jahdem. Certament mhux se noqghod nghidlu 'isma ahdem mill-llum sa ghada'. Huma stess jifhmu illi jista jsir kontribut permezz ta' din il-kodici u nahseb illi din ghandha tkun pass, pass wiehed 'l quddiem f'din id-diskussjoni interessanti illi qed taghmlu f'dan is-*seminar* intom li ghandkom il-privilegg li qed tiehdu sehem fih.